# Beati u Qaddisin...Lulju

## Beatu Nazju Falzon  1ta' Lulju

Twieled gewwa l-Belt Valletta, fl-1 ta' Lulju 1813 minn familja Maltija sinjura u maghrufa. Nannuh, missieru u huh kienu kollha avukati. Ta' 20 sena huwa kien diga lawreat fid-Dritt Kanoniku u dak Civili mill-Universita' ta' Malta. Pero' huwa qatt ma ezercita l-professjoni ta' avukat anqas ghall jum wiehed biss minhabba li kellu xewqa li jidhol sacerdot bhal bqija ta' hutu l-ohra.



Ircieva l-ordni minuri u waqaf hemm ghaliex hassu ndenn li javanza biex ikun konsagrat bhala qassis. Izda huwa xorta wahda ta lilu niffsu ghal appostolat ta' l-evangelju, li sahhu bit-talb u t-tqarbin u b'ezempju mheggeg ghal Kristu. Kien devot kbir ta' Marija Ssma taht it-titolu tal-Karmelu u l-Immakulat Koncezzjoni. Ma kienitx tonqos fih id-devozzjoni lejn l-gharus kastissimu ta' Marija Ssma, San Guzepp.

F'Malta dawk iz-zminijiet kienet mimlija bis-suldati brittanici u huwa kien jiehu l-opportunita' li jorganizza laqghat kateketici ghalihom. Jinghad li mas-sitt mija u hamsin suldat protestant ikkonvertew ghar-religjon kristjana bil-hegga tieghu. Fid-29 ta' Gunju 1865 huwa miet b'attakk tal-qalb. F'Mejju tas-sena 2001 il-Papa Gwann Pawlu II waqt pellegrinagg fuq il-passi ta' San Pawl li wassluh anke f'Malta, ipproklama lil dan il-bniedem beatu.